MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2005

Numru 1110/2004

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Elaine Rapinett** ta’ 20 sena, bint missier mhux maghruf u Carmen *nee’* Rapinett, imwielda Pieta’ fit-3 ta’ Frar, 1984, residenti f’ ‘Charles Flats’, Flt 8, Triq Enrico Mizzi, Gzira jew Flt 2, No. 10, Racecourse Street, Marsa w detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 115684(M);

Talli fit-22 ta’ Dicembru, 2004 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh

b’qerq ta’ Lm655.90 ghad-dannu ta’ l-istabiliment Hypertronix (B’Kara), ta’ Alan Buttigieg, ta’ Marvic Buttigieg, ta’ Paul Magro u tal-HSBC Bank Malta Ltd;
(Bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Aktar talli, fl-istess zmien, lok u circostanzi, b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b’qerq ta’ Lm300 ghad-dannu ta’ l-istabiliment Datapad (B’Kara), ta’ John Joseph Mercieca, ta’ Paul Magro w tal-HSBC Bank Malta Ltd;
(Bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq, ingann, jew billi wrejt haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b’qerq ta’ Lm200 ghad-dannu ta’ l-istabiliment Laudau (B’Kara), ta’ Anthony Fenech, ta’ Paul Magro u tal-HSBC Bank Malta Ltd;
(Bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq, ingann, jew billi wrejt haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b’qerq ta’ Lm114.06 ghad-dannu ta’ l-istabiliment AllMart Detergent Market (Qormi), ta’ Alexandra Vella, ta’ Paul Magro u tal-HSBC Bank Malta Ltd;
(Bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom liema oggetti gejjin mir-reat ta' serq;
(Bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu ppreznetati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u cioe' diversi cekkijiet tal-HSBC Bank Malta Ltd., li jappartjenu lil Paul Magro, kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu minnhom;
(Bi ksur ta' l-Artikoli 18, 167 u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Aktar talli, fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' diversi cekkijiet tal-HSBC Bank Malta Ltd., li jappartjenu lil Paul Magro, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;
(Bi ksur ta' l-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Art. 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputata jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja, kif ukoll in-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputata ghall-istess procedura ;

Semghet l-ammissjoni tal-imputata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Fuq ammissjoni ssibha hatja;
Rat l-artikoli 18, 308, 309, 310,. 334, 167 u 169.

Rat il-fedina penali tal-imputata u hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi mill-ewwel seduta sal-lum, l-imputata raddet lura xi ammont ta' flus minnha mehuda llecitament skond l-akkuza.

Ai termini ta' l-artikoli 7 (1) tal-Kap 446, il-Qorti qed tqieghed l-imputata taht ordni ta' probation, that is-orveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal perjodu tas-sentejn mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputata naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------